

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 105

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

27 ta' April 2010

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010 tas-26 ta' April 2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 357/2010 tat-23 ta' April 2010 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 185/2010 tal-4 ta' Marzu 2010 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ⁽¹⁾** 10
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 358/2010 tat-23 ta' April 2010 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 185/2010 tal-4 ta' Marzu 2010 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ⁽¹⁾** 12
- Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 359/2010 tas-26 ta' April 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 15

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK tas-26 ta' April 2010 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tirrevoka l-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK** 17
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/232/PESK tas-26 ta' April 2010 li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar** 22

Prezz: 7 EUR

(Ikompili fil-paġna ta' wara)

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE
MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2010/233/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2010 dwar it-twaqqif ta' Grupp Espert rigward il-Qafas Komuni ta' Referenza fil-qasam tal-liġi kuntrattwali Ewropea** 109

2010/234/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2010 li tagħti lil-Lussemburgu deroga parzjali mid-Deċiżjoni 2006/66/KE dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema ta' "mezzi fuq il-binarji – storbu" tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (traduzzjoni mhux uffiċjali) u mid-Deċiżjoni 2006/861/KE dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema ta' "mezzi fuq il-binarji – vaguni tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (traduzzjoni mhux uffiċjali) (notifikata bid-dokument numru C(2010) 2546)**..... 112

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 356/2010

tas-26 ta' April 2010

li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 215(1) u (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK tas-26 ta' April 2010 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Novembru 2008, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (minn issa "il-Kunsill tal-Sigurtà"), li aġixxa taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, adotta Riżoluzzjoni 1844 (2008) li tikkonferma l-emabrgo ġenerali u komplet tal-armi kontra s-Somalja impost mir-Riżoluzzjoni 733 (1992) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) u bl-introduzzjoni ta' miżuri restrittivi ulterjuri.
- (2) Il-miżuri restrittivi addizzjonali jikkonċernaw miżuri restrittivi ta' ammissjoni u dawk finanzjarji kontra individwi u entitajiet imfassla mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont il-UNSCR 751 (1992) rigward is-Somalja (minn issa "il-Kumitat tas-Sanzjonijiet"). Barra mill-embargo ġenerali tal-armi, ir-Riżoluzzjoni tintroduċi projbizzjoni speċifika fuq il-forniment, bejgħ jew trasferiment dirett jew indirett ta' armi u tagħmir militari u projbizzjoni speċifika fuq il-provvista ta' għajjnuna u servizzi relatati, lil individwi u entitajiet elenkati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

- (3) Il-miżuri restrittivi huma mmirati għal individwi u entitajiet deskritti min-Nazzjonijiet Uniti (NU) bħala li jidħlu u jipprovdu appoġġ f'dawk l-atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tas-Somalja, inklużi atti li jheddu l-Ftehim ta' Djibouti tat-18 ta' Awwissu 2008 jew il-proċess politiku, jew jheddu l-Istituzzjonijiet Federali Tranżizzjonali (TFIs) jew il-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM) bil-forza, li jkunu aġixxew bi ksar tal-embargo tal-armi u miżuri relatati, jew li jkunu xekklu t-wassil ta' għajjnuna umanitarja lejn is-Somalja, jew l-aċċess jew id-distribuzzjoni ta' għajjnuna umanitarja fis-Somalja.

- (4) Fis-16 ta' Frar 2009, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja ⁽²⁾ li tipprevedi, inter alia, miżuri restrittivi finanzjarji diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati min-NU, kif ukoll projbizzjoni fuq il-provvista diretta jew indiretta ta' għajjnuna u servizzi relatati ma' armi u tagħmir militari lil persuni, entitajiet jew korpi bħal dawn.

- (5) Fid-19 ta' Marzu 2010 m il-Kunsill tas-Sigurtà adotta l-UNSCR 1916 (2010) li, *inter alia*, iddeċidiet li ttaffi xi restrizzjonijiet u obbligi taħt ir-reġim ta' sanzjonijiet biex tippermetti l-kunsenja ta' fornituri u l-għoti ta' assistenza teknika minn organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u subreġjonali u biex tiżgura l-għoti f'waqtu min-NU ta' assistenza umanitarja li hija meħtieġa b'mod urġenti.

- (6) Fit-12 ta' April 2010, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet adotta l-lista tal-persuni u tal-entitajiet li huma sogggetti għal miżuri restrittivi.

⁽¹⁾ Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 46, 17.2.2009, p. 73.

- (7) Fuq dik il-bażi, tas-26 April 2010 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK.
- (8) Dawn il-miżuri jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għal-hekk, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, huwa meħtieġ att tal-Unjoni sabiex jimplimentahom f'dak li jirrigwarda l-Unjoni.
- (9) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 147/2003 tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tas-Somalja ⁽¹⁾ impona projbizzjoni ġenerali fuq il-provvista ta' pariri tekniċi, assistenza, taħriġ, finanzjament jew għaj-nuna finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Somalja. Għandu jiġi adottat Regolament ġdid tal-Kunsill li jimplimenta l-miżuri li jikkonċernaw il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati min-NU.
- (10) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ u b'mod partikolari d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, id-dritt għall-proprjetà u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Dan ir-Regolament għandu jkun applikat f'konformità ma' dawk id-drittijiet u prinċipji.
- (11) Dan ir-Regolament jirrispetta bis-sħiħ ukoll l-obbligi tal-Istati Membri taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u n-natura legalment vinkolanti tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà.
- (12) Is-setgħa biex tiġi emendata l-lista fl-Anness I għal dan ir-Regolament għandha tiġi eżerċitata mill-Kunsill, fid-dawl tat-theddida speċifika għall-paċi u s-sigurtà internazzjo-nali fir-reġjun ikkawżata mis-sitwazzjoni fis-Somalja u sabiex tiġi assicurata l-konsistenza mal-proċess għall-emendar u r-reviżjoni tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK.
- (13) Il-proċedura għall-emendar tal-lista fl-Anness I għal dan ir-Regolament għandha tinkludi li tipprevedi li jingħataw lill-persuni naturali jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi maħtura, ir-raġunijiet għall-elenkar tagħhom kif ippreżentati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, sabiex tingħatalhom opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet. Fejn jiġu mressqa osservazzjonijiet jew jiġu preżentati provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjoni tiegħu fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u jinforma lill-persuna, entità jew korp ikkonċernat skont il-każ.
- (14) Sabiex tinholq l-ogħla ċertezza legali fi ħdan l-Unjoni, l-ismijiet u data oħra relevanti għall-identifikar ta' persuni naturali jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom huma ffriżati skont dan ir-Regolament, għandhom jiġu ppubblikati.
- (15) Kull ipproċessar ta' data personali ta' persuni fiżiċi taħt dan ir-Regolament għandu jirrispetta r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ⁽³⁾ u d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ⁽⁴⁾.
- (16) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Il-pieni stipulati għandhom ikunu proporzjonati, effettivi u dissważivi,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

- (a) "fondi" tfisser assi u benefiċċji finanzjarji ta' kull tip, li jinkludu iżda mhux limitati għal:
- (i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flejjes, drafts, money-orders u strumenti oħra ta' ħlas;
 - (ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi f'kontijiet, dejn u obligazzjonijiet ta' dejn;
 - (iii) titoli negozjabbli kemm pubbliċi kif ukoll privati u strumenti li joħlqu jew jirrikonoxxu debit, inklużi titoli u ishma, ċertifikati li jirrapreżentaw sigurtajiet, bonds, noti, digriet, obligazzjonijiet u kuntratti derivattivi;
 - (iv) imgħax, dividendi jew dħul ieħor fuq assi, jew valur akkumulat jew iġġenerat minnhom;
 - (v) kreditu, dritt ta' tpaċċja, garanziji, bonds ta' prestazzjoni jew impenji finanzjarji oħra;

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2003, p. 2.

⁽²⁾ ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

- (vi) ittri ta' kreditu, poloz tat-tagħbija, dokumenti ta' bejgħ;
- (vii) dokumenti li jixhdu xi interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;
- (b) "iffriżar ta' fondi" tfisser il-projbizzjoni ta' ċaqliq, trasferiment, bidla, użu jew traffikar ta' fondi li jistgħu b'xi mod iwasslu għal bidla fil-volum, fl-ammont, fil-lokalizzazzjoni, fid-dritt tal-pussess, fil-pussess, fil-karattru, fid-destinazzjoni jew f'bidla oħra li tagħmel possibbli l-użu tal-fondi, inkluż il-ġestjoni tal-portafoll;
- (c) "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kull xorta, kemm tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumex fondi iżda li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, prodotti jew servizzi;
- (d) "iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni tal-użu tagħhom biex jinkisbu fondi, prodotti jew servizzi f'kull mod, li jinkludu, iżda mhux limitati għal, bejgħ, kiri jew ipoteki tagħhom;
- (e) "il-Kumitat tas-Sanzjonijiet" tfisser il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit skont l-UNSCR (1992) dwar is-Somalja;
- (f) "assistenza teknika" tfisser kull appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, assemblaġġ, ittestjar, manutenzjoni, jew kull servizz tekniku ieħor, u tista' tieħu forom bħalma huma t-tagħlim, il-konsulenza, it-taħriġ, it-trażmissjoni tal-għarfien tax-xogħol jew ħiliet jew servizzi ta' konsulenza; inklużi forom ta' għajjnuna verbali;
- (g) "servizzi ta' investiment" tfisser
 - (i) ir-riċeviment u t-trażmissjoni tal-ordnijiet b'rabta ma' strument finanzjarju wieħed jew iktar;
 - (ii) it-twettiq tal-ordnijiet f'isem il-klijenti;
 - (iii) in-negozju li jsir minn xi ħadd għal rasu;
 - (iv) il-ġestjoni tal-portafoll.
 - (v) il-pariri dwar l-investiment;
 - (vi) is-sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji u/jew it-tqegħid tal-istrumenti finanzjarji fuq bażi soda ta' impenn;
 - (vii) it-tqegħid tal-istrumenti finanzjarji mingħajr bażi soda ta' impenn; jew

(viii) it-tħaddim ta' faċilitajiet ta' kummerċ multilaterali,

sakemm l-attività hi marbuta ma' kwalunkwe mill-istrumenti finanzjarji elenkati fis-Sezzjoni C tal-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji ⁽¹⁾;

(h) "territorju tal-Unjoni" tfisser it-territorji li għalihom huma applikabbli t-Trattati, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati.

(i) "dikjarazzjoni ta' raġunijiet" tfisser il-parti tad-dikjarazzjoni ta' każ li tista' tinħareġ għall-pubbliku u/jew, fejn applikabbli, is-sintesi tar-raġunijiet għall-ejenkar kif ipprovduti mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

Artikolu 2

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, qegħdin fil-pussess jew huma kkontrollati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet, jew korpi elenkati fl-Anness I, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom ikunu mqegħdin għad-disposizzjoni, direttament jew indirettament, jew għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi kif elenkati fl-Anness I.

3. L-Anness I għandu jikkonsisti minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi nnominati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont UNSCR 1844 (2008).

4. Is-sehem, b'intenzjoni u apposta, l-attivitàjiet li l-għan jew l-effett tagħhom hu, b'mod dirett jew indirett, l-evitar tal-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jiġi pprojbit.

5. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 m'għandhiex twassal għal responsabbiltà ta' ebda xorta fuq in-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li poġġew għad-dispożizzjoni fondi jew riżorsi ekonomiċi, fejn huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu se jiksru din il-projbizzjoni.

Artikolu 3

1. L-Artikolu 2(2) m'għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq daww il-kontijiet; jew

⁽¹⁾ ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

- (b) pagamenti dovuti taħt il-kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu ġew konklużi jew qamu qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li għalih hemm referenza fl-Artikolu 2 kien innominat mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew il-Kunsill tas-Sigurtà,

bil-kundizzjoni li tali interess, qligħ u ħlasijiet oħra jibqgħu jiġu suġġetti għall-Artikolu 2(1).

2. L-Artikolu 2(2) m'għandux jipprevjeni lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-Unjoni milli jikkreditaw il-kontijiet iffriżati meta jirċievu fondi trasferiti fil-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati, dment li kwalunkwe żieda għal dawn il-kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness II, dwar kull tranżazzjoni bħal din mingħajr dewmien.

Artikolu 4

1. L-Artikolu 2(1) u (2) m'għandux japplika għat-tagħmil disponibbli ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi oħra meħtieġa biex jiġi żgurat l-għoti f'waqtu ta' assistenza umanitarja meħtieġa b'mod urġenti fis-Somalja, min-Nazzjonijiet Uniti, l-aġenziji jew il-programmi speċjalizzati tagħha jew organizzazzjonijiet umanitarji li għandhom status ta' osservatur fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li jipprovdu assistenza umanitarja, jew is-sħab tagħhom inkarigati mill-implimentazzjoni.

2. L-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 m'għandhiex twassal għal responsabbiltà ta' ebda xorta fuq in-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li poġġew għad-dispożizzjoni fondi jew riżorsi ekonomiċi, fejn huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom ma kinux ser ikunu koperti b'din l-eżenzjoni.

Artikolu 5

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kundizzjonijiet li huma jikkunsidraw xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew iqiegħdu għad-dispożizzjoni ċertu fondi jew riżorsi ekonomiċi, jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti kkonċernata ddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma:

- (i) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness I, u l-membri tal-familja dipendenti fuqhom, inklużi ħlasijiet għal ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, poloz tal-assigurazzjoni, u l-ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

- (ii) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li huma konnessi mal-għoti ta' servizzi legali; jew

- (iii) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' onorarji jew ħlasijiet għal servizzi ta' rutina fiż-żamma ta' fondi ffriżati u riżorsi ekonomiċi; kif ukoll

- (b) l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'din id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni, u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma jkunx oġġezzjona għal din l-azzjoni fi żmien tlett ijiem ta' xogħol min-notifika.

2. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew id-disponibbiltà ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, wara li jkunu ddeterminaw li dawn huma meħtieġa sabiex ikopru spejjeż straordinarji, sakemm din id-determinazzjoni tkun ġiet notifikata mill-Istat Membru lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u dik id-determinazzjoni tkun ġiet approvata minn dak il-Kumitat.

3. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li tkun ingħatat taħt il-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 6

B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti.

- (a) dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' garanzija ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali, li kienet stabbilita qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġudizzjarja, entità jew korp li għalih saret referenza fl-Artikolu 2 kien innominat mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew il-Kunsill tas-Sigurtà jew ta' sentenza ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali li nġatat qabel dik id-data;

- (b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jiġu użati b'mod esklussiv sabiex jissodisfaw il-pretensjonijiet żgurati b'tali garanzija jew rikkonoxxuti bħala validi f'tali sentenza, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet tal-persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;

- (c) il-garanzija jew sentenza mhijiex għal beneficiċju ta' persuna naturali jew ġuridika, entità jew korp imniżżla fl-Anness I;

- (d) il-garanzija jew sentenza ma jmorru kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat; kif ukoll

- (e) il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ġie nnotifikat mill-Istat Membru bil-garanzija jew is-sentenza.

Artikolu 7

L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew iċ-ċaħda li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fondi jew riżorsi ekonomiċi, imwettaq bona fide fuq il-bażi li din l-azzjoni hija skont dan ir-Regolament, m'għandha twassal għal ebda forma ta' responsabbiltà fuq in-naħa ta' persuna fiżika jew ġuridika jew entità li qed timplimentaha, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħha, sakemm ma jkunx ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kienu ffriżati b'riżultat ta' negliġenza.

Artikolu 8

1. Għandu jiġi pprobit li wieħed jipprovdi direttament jew indirettament, xi wieħed minn dawn li ġejjin lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness I:

(a) assistenza teknika relatata ma' attivitajiet militari u mal-provvista, il-bejgħ, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti u teknoloġija inklużi fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾;

(b) l-iffinanzjar jew assistenza finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari u mal-provvista, il-bejgħ, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti u teknoloġija inklużi fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea;

(c) servizzi ta' investiment relatati ma' attivitajiet militari u mal-provvista, il-bejgħ, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti u teknoloġija inklużi fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, l'attivitajiet li l-għan u l-effett tagħhom huwa, direttament jew indirettament, biex iduru mal-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkunu projbta.

3. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1(b) m'għandhiex twassal għal responsabbiltà ta' ebda xorta fuq in-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li pprovdew finanzjament jew assistenza finanzjarja, fejn huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu se jiksru din il-projbizzjoni.

Artikolu 9

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi għandhom:

(a) jgħaddu immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness II għall-pajjiż fejn huma residenti jew fejn jinsabu, kull informazzjoni li tista' tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal kontabbiltà u ammonti ffriżati skont l-Artikolu 2, u għandhom jgħaddu din l-informazzjoni direttament jew permezz ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti, lill-Kummissjoni; kif ukoll

(b) jikkoooperaw mal-awtoritajiet kompetenti kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness II għall-verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kwalunkwe informazzjoni li tingħata jew tiġi rċevuta skont dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-għanijiet li għalihom tkun ġiet ipprovduta jew irċevuta.

Artikolu 10

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom immedjatament jinformat lil xulxin bil-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti konnessa ma' dan ir-Regolament li hija għad-dispożizzjoni tagħhom, partikolarment informazzjoni dwar problemi ta' ksur u ta' infurzar u sentenzi mġhotija mill-qrati nazzjonali.

Artikolu 11

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li temenda l-Anness II abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.

Artikolu 12

1. Fejn il-Kunsill tas-Sigurtà jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jelenka persuna naturali jew ġuridika, entità jew korp u jkun provda dikjarazzjoni tar-raġunijiet għall-ħatra, il-Kunsill għandu jinkludi dik il-persuna naturali jew ġuridika, entità jew korp fl-Anness I. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċizzjoni tiegħu u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet lill-persuna naturali jew ġuridika, entità jew korp ikkonċernat, jew b'mod dirett, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, li jipprovdi lil tali persuna naturali jew ġuridika, entità jew korp opportunità li jippreżenta osservazzjonijiet.

2. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċizzjoni tiegħu u jinforma lill-persuna, entità jew korp ikkonċernat skont il-każ.

Artikolu 13

Fejn in-NU tiddeċiedi li tneħħi mil-lista persuna, entità, jew korp, jew li temenda d-data li tidentifika persuna, entità jew korp elenkat, il-Kunsill għandu jemenda l-Anness I skont il-każ.

Artikolu 14

L-Anness I għandu jinkludi, fejn disponibbli, informazzjoni pprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet li hija meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-persuni naturali jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi kkonċernati. Fir-rigward tal-persuni naturali, tali informazzjoni tista' tinkludi ismijiet inkluż laqmijiet, data u post tat-twelid, ċittadinanza, in-numru tal-passaport u tal-karta tal-identità, sess, indirizz, jekk magħruf, u funzjoni jew professjoni. Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi ismijiet, post u data tar-reġistrazzjoni, numru tar-reġistrazzjoni u post tan-negożju. L-Anness I għandu jinkludi wkoll id-data tal-ħatra mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

⁽¹⁾ ĠU C 69, 18.3.2010, p. 19.

Artikolu 15

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti għalih.

Artikolu 16

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru lill-awtoritajiet kompetenti msemmijin f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fil-websajts elenkati fl-Anness II jew permezz ta' dawn il-websajts.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti għalih.

3. Fejn dan ir-Regolament jippreżenta obbligu li tiġi nnotifikata jew infurmata l-Kummissjoni, jew li ssir xi komunikazzjoni oħra magħha, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt li għandhom jintużaw għal din il-komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness II.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' April 2010.

Artikolu 17

Dan ir-Regolament għandu japplika:

- (a) fit-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispażju tal-ajru tagħha;
- (b) abbord kull ingenu tal-ajru jew bastiment li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;
- (c) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew barra minnu li hija ċittadina ta' Stat Membru;
- (d) għal kull persuna ġuridika, entità jew korp li huwa inkorporat jew kostitwit taħt il-liġi ta' Stat Membru;
- (e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe negozju li jsir b'mod sħiħ jew parzjali fl-Unjoni.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

ANNEX I

PERSUNI FIŻIĊI U ĠURIDIĊI, ENTITAJIET JEW KORPI MSEMBIJA FL-ARTIKOLI 2 U 8**I. Persuni naturali**

- (1) Yasin Ali Baynah (magħruf ukoll bħala a) Ali, Yasin Baynah, b) Ali, Yassin Mohamed, c) Baynah, Yasin, d) Baynah, Yassin, e) Baynax, Yasiin Cali, f) Beenah, Yasin, g) Beenah, Yassin, h) Beenax, Yasin, i) Beenax, Yassin, j) Benah, Yasin, k) Benah, Yassin, l) Benax, Yassin, m) Beynah, Yasin, n) Binah, Yassin, o) Cali, Yasiin Baynax) Data tat-twelid: madwar l-1966. Nazzjonalità: Somalja. Nazzjonalità alternattiva: Żvezja. Fejn jinsab: Rinkeby, Stokkolma, Żvezja; Mogadixu, Somalja.
- (2) Hassan Dahir Aweys (magħruf ukoll bħala a) Ali, Sheikh Hassan Dahir Aweys, b) Awey, Hassan Dahir, c) Awey, Shaykh Hassan Dahir, d) Awey, Hassan Dahir, e) Awey, Ahmed Dahir, f) Awey, Sheikh, g) Awey, Sheikh Hassan Dahir, h) Dahir, Awey Hassan, i) Ibrahim, Mohammed Hassan, j) OALS, Hassan Tahir, k) Uways, Hassan Tahir, l) "Hassan, Sheikh") Data tat-twelid: 1935. Ċittadinanza: Somalja. Nazzjonalità: Somalja. Fejn jinsab: Somalja; Eritrea.
- (3) Hassan Abdullah Hersi Al-Turki (magħruf ukoll bħala a) Al-Turki, Hassan, b) Turki, Hassan, c) Turki, Hassan Abdillahi Hersi, d) Turki, Sheikh Hassan, e) Xirsi, Xasan Cabdilaahi, f) Xirsi, Xasan Cabdulle) Data tat-twelid: madwar l-1944. Post tat-twelid: Reġjun Ogaden, Etjopja. Nazzjonalità: Somalja. Fejn jinsab: Somalja.
- (4) Ahmed Abdi aw-Mohamed (magħruf ukoll bħala a) Abu Zubeyr, Muktar Abdirahman, b) Abuzubair, Muktar Abdulrahim, c) Aw Mohammed, Ahmed Abdi, d) Aw-Mohamud, Ahmed Abdi, e) "Godane", f) "Godani", g) "Mukhtar, Shaykh", h) "Zubeyr, Abu") Data tat-twelid: 10 ta' Lulju 1977. Post tat-twelid: Hargeysa, Somalja. Nazzjonalità: Somalja.
- (5) Fuad Mohamed Khalaf (magħruf ukoll bħala a) Fuad Mohamed Khalif, b) Fuad Mohamed Qalaf, c) Fuad Mohammed Kalaf, d) Fuad Mohamed Kalaf, e) Fuad Mohammed Khalif, f) Fuad Khalaf, g) Fuad Shongale, h) Fuad Shongole, i) Fuad Shangole, j) Fuad Songale, k) Fouad Shongale, l) Fuad Muhammad Khalaf Shongole) Nazzjonalità: Somalja. Fejn jinsab: Mogadixu, Somalja. Lokalità alternattiva: Somalja.
- (6) Bashir Mohamed Mahamoud (magħruf ukoll bħala a) Bashir Mohamed Mahmoud, b) Bashir Mahmud Mohammed, c) Bashir Mohamed Mohamud, d) Bashir Mohamed Mahamoud, e) Bashir Yare, f) Bashir Qorgab, g) Gure Gap, h) "Abu Muscab", i) "Qorgab") Data tat-twelid: madwar 1979-1982. Data tat-twelid alternattiva: 1982. Nazzjonalità: Somalja. Fejn jinsab: Mogadixu, Somalja.
- (7) Mohamed Sa'id (magħruf ukoll bħala a) "Atom", b) Mohamed Sa'id Atom, c) Mohamed Siad Atom) Data tat-twelid: madwar l-1966. Post tat-twelid: Galgala, Somalja. Fejn jinsab: Galgala, Somalja. Lokalità alternattiva: Badhan, Somalja.
- (8) Fares Mohammed Mana'a (magħruf ukoll bħala: a) Faris Mana'a, b) Fares Mohammed Mana'a) Data tat-twelid: 8 ta' Frar 1965. Post tat-twelid: Sadah, Jemen. Nru tal-Passaport: 00514146; post tal-ħruġ: Sanaa, Jemen. Nru tal-Karta tal-Identità: 1417576; post tal-ħruġ: Al-Amana, Jemen; data tal-ħruġ: 7 ta' Jannar 1996.

II. Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi

AL-SHABAAB (magħrufa wkoll bħala a) Al-Shabab, b) Shabaab, c) The Youth, d) Mujahidin Al-Shabaab Movement, e) Mujahideen Youth Movement, f) Mujahidin Youth Movement, g) MYM, h) Harakat Shabab Al-Mujahidin, i) Hizbul Shabaab, j) Hisb'ul Shabaab, k) Al-Shabaab Al-Islamiya, l) Youth Wing, m) Al-Shabaab Al-Islam, n) Al-Shabaab Al-Jihaad, o) The Unity Of Islamic Youth, p) Harakat Al-Shabaab Al-Mujaahidiin, q) Harakatul Shabaab Al Mujaahidiin, r) Mujaahidiin Youth Movement) Tinsab: Somalja.

ANNEX II

WEBSAJTS LI JIPPROVDU TAGĦRIF DWAR L-AWTORITAJIET KOMPETENTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 3(2), 5, 6 U 9 U L-INDIRIZZ GĦAN-NOTIFIKI LILL-KUMMISSJONI EWROPEA

IL-BELĠJU

<http://www.diplomatie.be/eusanctions>

IL-BULGARIJA

<http://www.mfa.government.bg>

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

<http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce>

ID-DANIMARKA

<http://www.um.dk/da/menu/Udenrigspolitik/FredSikkerhedOgInternationalRetsorden/Sanktioner/>

IL-ĠERMANJA

<http://www.bmw.de/BMWi/Navigation/Aussenwirtschaft/Aussenwirtschaftsrecht/embargos.html>

L-ESTONJA

http://www.vm.ee/est/kat_622/

L-IRLANDA

<http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519>

IL-GREĊJA

<http://www.ypex.gov.gr/www.mfa.gr/α-US/Policy/Multilateral+Diplomacy/International+Sanctions/>

SPANJA

www.mae.es/es/MenuPpal/Asuntos/Sanciones+Internacionales

FRANZA

<http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/>

L-ITALJA

<http://www.esteri.it/UE/deroghe.html>

ĊIPRU

<http://www.mfa.gov.cy/sanctions>

IL-LATVIJA

<http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539>

IL-LITWANJA

<http://www.urm.lt/sanctions>

IL-LUSSEMBURGU

<http://www.mae.lu/sanctions>

L-UNGERIJA

http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/Kulpolitikank/nemzetkozi_szankciok/felelos_illetkes_hatosagok.htm

MALTA

http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp

L-OLANDA

www.minbuza.nl/nl/Onderwerpen/Internationale_rechtsorde/Internationale_Sancties/Bevoegde_instanties_algemeen

L-AWSTRIJA

http://www.bmeia.gv.at/view.php?f_id=12750&LANG=en&version=

IL-POLONJA

<http://www.msz.gov.pl>

IL-PORTUGALL

<http://www.mne.gov.pt/mne/pt/AutMedidasRestritivas.htm>

IR-RUMANIJA

<http://www.mae.ro/index.php?unde=doc&id=32311&idlnk=1&cat=3>

IS-SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/

SLOVAKKJA

<http://www.foreign.gov.sk>

IL-FINLANDJA

<http://formin.finland.fi/kvyhteisty/pakotteet>

L-IŻVEZJA

<http://www.ud.se/sanktioner>

IR-RENJU UNIT

<http://www.fco.gov.uk/en/about-us/what-we-do/services-we-deliver/business-services/export-controls-sanctions/>

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

Il-Kummissjoni Ewropea

DĠ għar-Relazzjonijiet Esterni

Direttorat A. Struttura għall-Kriżijiet u Koordinament Politiku fil-PESK

Unità A.2. Ġestjoni tal-Kriżijiet u Prevenzjoni tal-Kunflitt

CHAR 12/106

B-1049

Bruxelles/Brussel (Belgium)

E-mail: relex-sanctions@ec.europa.eu

Tel.: (32-2) 295 55 85

Fax: (32 -2) 299 08 73

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 357/2010**tat-23 ta' April 2010****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 185/2010 tal-4 ta' Marzu 2010 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 820/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistipula miżuri għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni ⁽²⁾ fih proċeduri ta' sigurtà għall-provvisti ta' likwidi u boroż li jekk jitbagħbsu jkun evidenti (tamper-evident). Madankollu, ir-Regolament se jiġi revokat mid-29 ta' April 2010.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2010 tal-4 ta' Marzu 2010 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ⁽³⁾ se jieħu post ir-Regolament (KE) Nru 820/2008. Ir-Regolament (UE) Nru 185/2010 ma fihx proċeduri ta' sigurtà għall-provvisti ta' likwidi u boroż li jekk jitbagħbsu jkun evidenti.
- (3) Sabiex l-avjazzjoni ċivili tiġi protetta kontra atti illeġittimi ta' interferenza li jipperikolaw is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, għandhom jinżammu l-proċeduri ta' sigurtà għall-

provvisti ta' likwidi, aerosols u ġellijiet (LAGs) u l-boroż tas-sigurtà li jekk jitbagħbsu jkun evidenti (STEBs) mibjugħa fiż-żoni tal-ajru fl-ajruporti tal-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiddaħħlu fir-Regolament (UE) Nru 185/2010.

- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 185/2010 għandu japplika mid-29 ta' April 2010. Id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament huwa għalhekk urġenti billi għandu japplika mill-istess data.
- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 185/2010 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili stabbilit bl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 300/2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 185/2010 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mid-29 ta' April 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72⁽²⁾ ĠU L 221, 19.8.2008, p. 8.⁽³⁾ ĠU L 55, 5.3.2010, p. 1.

ANNEX

L-Anness għar-Regolament (UE) Nru 185/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Kapitolu 8, il-punt 8.3 li ġej huwa miżjud:

“8.3 DISPOŻIZZJONIJIET ADDIZZJONALI TAS-SIGURTÀ GĦALL-PROVVISTI GĦAL MATUL IT-TITJIRA TA' LAGS U STEBS

1. Il-provvisti għal matul it-titjira ta' STEBs għandhom jaslu f'żona tal-ajru jew f'żona ristretta ta' sigurtà f'pakkett li jekk jitbagħbas ikun evidenti.
2. Wara l-ewwel ilqugħ tagħhom f'żona tal-ajru jew f'żona ristretta ta' sigurtà u sakemm jaslu għall-bejgħ finali fuq l-ajruplan, l-LAGs u l-STEBS għandhom jiġu protetti minn interferenzi mhux awtorizzati.
3. Id-dispożizzjonijiet dettaljati għad-dispożizzjonijiet addizzjonali tas-sigurtà għall-provvisti għal matul it-titjira ta' LAGs u STEBS huma stipulati f'Deċiżjoni separata.”

(2) Fil-Kapitolu 9, il-punt 9.3 li ġej huwa miżjud:

“9.3 DISPOŻIZZJONIJIET ADDIZZJONALI TAS-SIGURTÀ GĦALL-PROVVISTI TA' LAGS U STEBS

1. Il-provvisti ta' STEBs għandhom jaslu f'żona tal-ajru lil hinn mill-punt fejn jiġu kkontrollati l-karti tal-imbarkazzjoni jew f'żona ristretta ta' sigurtà f'pakkett li jekk jitbagħbas ikun evidenti.
 2. Wara l-ewwel ilqugħ tagħhom f'żona tal-ajru jew f'żona ristretta ta' sigurtà u sakemm jaslu għall-bejgħ finali fil-ħanut, l-LAGs u l-STEBS għandhom jiġu protetti kontra interferenzi mhux awtorizzati.
 3. Id-dispożizzjonijiet dettaljati għad-dispożizzjonijiet addizzjonali tas-sigurtà għall-provvisti ta' LAGs u STEBs huma stipulati f'Deċiżjoni separata.”
-

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 358/2010**tat-23 ta' April 2010****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 185/2010 tal-4 ta' Marzu 2010 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-restrizzjonijiet fuq likwidi, aerosols u ġellijiet ttrasportati minn passiġġieri li jaslu fuq titjiriet minn pajjiżi terzi u li jittrasferixxu f'ajruporti tal-Unjoni joħlqu diffikultajiet operattivi f'dawn l-ajruporti u jikkaġunaw inkonvenjent għall-passiġġieri kkonċernati.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 820/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistipula miżuri għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni ⁽²⁾ jistipula wkoll eżenzjonijiet għall-applikazzjoni ta' daww ir-restrizzjonijiet biex jiġu mogħtija jekk jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet. Wara li ġie vverifikat li ntlaħqu daww il-kundizzjonijiet f'ċerti ajruporti f'ċerti pajjiżi terzi u li daww il-pajjiżi għandhom rekord tajjeb ta' kooperazzjoni mal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, il-Kummissjoni stipulat l-eżenzjonijiet imsemmija.
- (3) Ir-Regolament (KE) 820/2008 huwa mħassar mid-29 ta' April 2010 u b'hekk daww l-eżenzjonijiet jitħassru wkoll. Madanakollu, ir-restrizzjonijiet fuq likwidi, aerosols u ġellijiet li jgħorru magħhom il-passiġġieri li jaslu b'titjiriet minn pajjiżi terzi u li jittrasferixxu f'ajruporti tal-Unjoni jibqgħu japplikaw kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 297/2010 tad-9 ta' April 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 272/2009 li jissupplimenta l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili ⁽³⁾.

- (4) L-eżenzjonijiet għall-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq likwidi, aerosols u ġellijiet li jgħorru magħhom il-passiġġieri li jaslu b'titjiriet minn pajjiżi terzi għandhom b'hekk jiġu estiżi filwaqt li daww ir-restrizzjonijiet għandhom jibqgħu xorta waħda, sakemm daww il-pajjiżi terzi jkomplu jilhqqu daww il-kundizzjonijiet li taħthom jingħataw l-eżenzjonijiet.
- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 185/2010 tal-4 ta' Marzu 2010 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ⁽⁴⁾ għandu għalhekk jiġi emendat skont il-każ.
- (6) Ir-Regolament (UE) Nru 297/2010 tad-9 ta' April 2010 għandu japplika mid-29 ta' April 2010. Id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament huwa urġenti billi għandu japplika mill-istess data.
- (7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili imwaqqaf bl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 300/2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 185/2010 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mid-29 ta' April 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.⁽²⁾ ĠU L 221, 19.8.2008, p. 8.⁽³⁾ ĠU L 90, 10.4.2010, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 55, 5.3.2010, p. 1.

ANNEX

Il-Kapitolu 4 tal-Anness huwa emendata kif ġej:

(1) Il-punt 4.0.4 jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

“4. Għall-iskop ta' dan l-Anness:

- (a) 'likwidi, aerosols u ġellijiet' (LAGs) għandhom jinkludu pejsts, lozjonijiet, taħlitiet likwidi/solidi u l-kontenut ta' reċipjenti taħt pressjoni, bħalma huma l-pejst għat-tindif tas-snien, il-ġell tax-xagħar, xarbiet, sopop, xropp, fwieħa, ragħwa tal-leħja u oġġetti oħra b'konsistenzi simili.
- (b) 'il-borża ta' sigurtà li tikkax kwalunkwe tbaġħbis' (STEB) hija borża konformi mal-linji gwida ta' kontroll tas-sigurtà rrakkomandati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili.”

(2) Il-punt 4.1.3.4 hu mibdul b'dan li ġej:

“4. L-LAGs li jinġarru mill-passiġġieri jistgħu jiġu eżentati mill-iskrinjar jekk l-LAG jkun:

- (a) f'kontenituri individwali b'kapaċità ta' mhux aktar minn 100 millilitru jew l-ekwivalenti f'borża tal-plastik trasparenti li tista' terġa' tiġi ssiġillata mill-ġdid b'kapaċità li ma taqbiżx il-litru (1 ltr.), fejn il-kontenut tal-borża tal-plastik ikun joqgħod tajjeb fil-borża u l-borża tkun magħluqa kompletament; jew
- (b) se jintuża matul il-vjaġġ u huwa meħtieġ għal raġunijiet mediċi inkella bħala rekwiżit speċjali tad-dieta, inkluż l-ikel tat-trabi. Meta jintalab jagħmel dan, il-passiġġier għandu jagħti prova tal-awtentiċità tal-LAG eżentat; jew
- (c) inxtara minn żona tal-ajru lil hinn mill-punt fejn jiġu kkontrollati l-karti tat-tluġh, minn hwenet li huma soġġetti għal proċeduri approvati tas-sigurtà bħala parti mill-programm tas-sigurtà tal-ajruport, bil-kundizzjoni li l-LAG ikun ippakkjat f'borża li tidher li ma tkunx ġiet imbagħbsa kif ukoll li tagħti biżżejjed provi li jkun inxtara mill-ajruport dakinhar; jew
- (d) inkiseb fiż-żona ta' sigurtà ristretta minn hwenet li huma soġġetti għal proċeduri approvati tas-sigurtà bħala parti mill-programm tas-sigurtà fl-ajruport; jew
- (e) miksub minn ajruport ieħor tal-Unjoni, bil-kundizzjoni li l-LAG ikun ippakkjat f'borża li turi li ma ġietx imbagħbsa u li juri biżżejjed provi li jkun inxtara fin-naħa ta' ġewwa (airside) tal-ajruport dakinhar; jew
- (f) miksub minn fuq ajruplan ta' trasportatur tal-ajru tal-Komunità, bil-kundizzjoni li l-LAG ikun ippakkjat f'borża li turi li ma ġietx imbagħbsa u li turi biżżejjed provi li jkun inxtara abbord dak l-inġenju tal-ajru dakinhar; jew
- (g) miksub minn ajruport li jinsab f'pajjiż terz li jinsab fil-lista tal- Hemża 4-D, bil-kundizzjoni li l-LAG ikun ippakkjat f'borża li turi li ma ġietx imbagħbsa u li turi biżżejjed provi li jkun inxtara fin-naħa ta' ġewwa (airside) tal-ajruport fl-aħħar 36 siegħa. L-eżenzjonijiet stabbiliti f'dan il-punt għandhom jiskadu fid-29 ta' April 2011.”

(3) Tiżdied l-Hemża 4-D li ġej:

“HEMŻA 4-D

Ajruport(i) li minnhom jtitilqu t-titjiriet lejn ajruporti fl-Unjoni:

— **Il-Kanada:**

L-ajruporti internazzjonali kollha

— **Ir-Repubblika tal-Kroazja:**

L-ajruport ta' Dubrovnik (DBV)

L-ajruport ta' Pula (PUY)

L-ajruport ta' Rijeka (RK)

L-ajruport ta' Split (SPU)

L-ajruport ta' Zadar (ZAD)

L-ajruport ta' Zagreb (ZAG)

— **il-Malasja**

Kuala Lumpur International (KUL) airport

— **Ir-Repubblika ta' Singapor:**

Changi (SIN) airport

— **L-Istati Uniti tal-Amerika**

L-ajruporti internazzjonali kollha”.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 359/2010**tas-26 ta' April 2010****li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemminjati fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemminja fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-27 ta' April 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' April 2010.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	JO	94,2
	MA	84,5
	TN	113,3
	TR	95,1
	ZZ	96,8
0707 00 05	MA	47,7
	TR	115,4
	ZZ	81,6
0709 90 70	MA	86,8
	TR	95,1
	ZZ	91,0
0805 10 20	EG	46,1
	IL	59,5
	MA	53,3
	TN	49,5
	TR	75,7
	ZZ	56,8
0805 50 10	IL	58,2
	TR	67,6
	ZA	70,1
	ZZ	65,3
0808 10 80	AR	92,8
	BR	81,3
	CA	113,4
	CL	85,7
	CN	79,2
	MK	26,2
	NZ	120,4
	US	131,1
	UY	68,9
	ZA	83,0
	ZZ	88,2
0808 20 50	AR	92,3
	CL	102,3
	CN	76,1
	NZ	167,4
	ZA	86,8
	ZZ	105,0

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffixxata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/231/PESK

tas-26 ta' April 2010

dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tirrevoka l-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2002/960/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja ⁽¹⁾ wara r-Riżoluzzjonijiet 733(1992), 1356 (2001) u 1425 (2002) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) relatati ma' embargo fuq l-armi kontra s-Somalja.

(2) Fis-16 ta' Frar 2009, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK rigward miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/960/PESK ⁽²⁾, li timplimenta l-UNSCR 1844 (2008) li introduċiet miżuri restrittivi kontra dawk li jfittxu li jipprevjenu jew jibblukkaw proċess politiku paċifiku, jew dawk li jheddu l-Istituzzjonijiet Federali Transizzjonali (TFIs) tas-Somalja jew tal-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM) permezz tal-forza, jew jieħdu azzjoni li timmina l-istabbiltà fis-Somalja jew fir-reġjun.

(3) Fl-1 ta' Marzu 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/126/PESK li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK ⁽³⁾ u timplimenta l-UNSCR 1907 (2009) li appellat lill-Istati kollha biex jispezzjonaw, bi ftehim mal-awtoritajiet nazzjonali u konformement mal-leġislazzjoni tagħhom u b'mod konsistenti mal-liġi internazzjonali, il-merkanzija kollha lejn u mis-Somalja, fit-territorju tagħhom, inklużi l-portijiet u l-ajruporti, jekk l-Istat ikkonċernat ikollu informazzjoni li tipprovdni bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li l-merkanzija tinkludi oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti taħt l-embargo tal-armi ġenerali u komplet għas-Somalja skont il-paragrafu 5 tal-UNSCR 733 (1992) u elaborat u emendat b'riżoluzzjonijiet sussegwenti.

(4) Fid-19 ta' Marzu 2010, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (minn issa "il-Kunsill tas-Sigurtà") adotta l-UNSCR 1916 (2010) li, *inter alia*, estendiet il-mandat tal-grupp ta' monitoraġġ imsemmi fil-paragrafu 3 tal-UNSCR 1558 (2004) u ddeċieda li jnaqqas xi restrizzjonijiet u obbligi taħt ir-reġim tas-sanzjonijiet sabiex tkun tista' ssir il-kunsinna ta' fornimenti u assistenza teknika mill-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u subreġjonali u biex tkun żgurata l-kunsinna fil-ħin min-Nazzjonijiet Uniti (NU) tal-assistenza umanitarja li hi meħtieġa urġentement.

(5) Fit-12 ta' April 2010, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet stabbilit skont il-paragrafu 11 tal-UNSCR 751 (1992) rigward is-Somalja (minn issa "il-Kumitat tas-Sanzjonijiet") adotta l-lista tal-persuni u tal-entitajiet li huma soġġetti għal miżuri restrittivi.

(6) Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-miżuri imposti mill-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/126/PESK u l-eżenzjonijiet previsti fil-UNSCR 1916 (2010) għandhom jiġu integrati fi strument legali wieħed.

(7) Il-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK għandha għallhekk tiġi rrevokata.

(8) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾ u b'mod partikolari d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, id-dritt għall-proprietà u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Din id-Deċiżjoni għandha tkun applikata f'konformità ma' dawk id-drittijiet u prinċipji.

(9) Din id-Deċiżjoni tirrispetta bis-sħiħ ukoll l-obbligi tal-Istati Membri taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u n-natura legalment vinkolanti tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà.

⁽¹⁾ ĠU L 334, 11.12.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 46, 17.2.2009, p. 73.

⁽³⁾ ĠU L 51, 2.3.2010, p. 18.

⁽⁴⁾ ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

- (10) Il-proċedura għall-emendar tal-Anness I għal din id-Deċiżjoni għandha tinkludi li jingħataw lill-persuni u lill-entitajiet u korpi imsemmija, ir-raġunijiet għall-ejenkar tagħhom kif ippreżentati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, sabiex tingħatalhom opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet. Fejn jiġu mressqa osservazzjonijiet jew jiġu preżentati provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjoni tiegħu fid-dawl ta' daww l-osservazzjonijiet u jinforma lill-persuna jew l-entità kkonċernata skont il-każ.
- (11) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġi implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-forniment dirett jew indirett, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet tar-rikambju ta' dawn imsemmija iktar 'il fuq, lis-Somalja minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri għandu jkun projbit sew jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom u sew jekk le.
2. Il-forniment dirett jew indirett lis-Somalja ta' konsulenza teknika, assistenza finanzjara u assistenza oħra, u taħriġ relatat ma' attivitajiet militari, inkluż b'mod partikolari taħriġ tekniku jew għajjnuna teknika relatati mal-provvista, manifattura, manutenzjoni jew użu tal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1, minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri, għandu jkun ipprojbit.
3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw:
 - (a) għall-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u materjal relatat tat-tipi kollha u għall-forniment dirett jew indirett ta' konsulenza teknika, assistenza finanzjarja u assistenza oħra u taħriġ relatat ma' attivitajiet militari maħsuba biss għall-appoġġ jew għall-użu tal- AMISOM kif stipulat fil-paragrafu 4 tal-UNSCR 1744 (2007) jew għall-użu biss ta' Stati u organizzazzjonijiet reġjonali li jieħdu miżuri skont il-paragrafu 6 tal-UNSCR 1851 (2008) u l-paragrafu 10 tal-UNSCR 1846 (2008);
 - (b) għall-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u materjal relatat tat-tipi kollha u għall-forniment dirett jew indirett ta' konsulenza teknika maħsuba unikament għall-iskop li jgħin l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet tas-settur tas-sigurtà, konsistenti mal-proċess politiku stabbilit fil-paragrafi 1, 2, u 3 tal-UNSCR 1744 (2007) u fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet fi żmien ħamest ijiem ta' ħidma mir-riċeviment tan-notifika rilevanti;
 - (c) għall-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' tagħmir militari mhux letali maħsub unikament għal użu umanitarju jew protettiv, jew ta' materjal maħsub għal programmi ta'

żvilupp ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni, jew tal-Istati Membri, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, imwettqa fil-qafas tal-Proċess ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni, kif approvat minn qabel mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, u għal ilbies protettiv, inkluż ġkieket tal-flak u elmi militari, esportati b'mod temporanju lejn is-Somalja minn persunal tan-NU, minn rappreżentanti tal-medja u minn ħaddiema umanitarji u tal-iżvilupp u minn persunal assoċjat, għall-użu personali tagħhom biss.

Artikolu 2

Miżuri restrittivi kif previsti fl-Artikoli 3, 5(1) u 6(1) u (2) għandhom ikunu imposti kontra persuni u entitajiet indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bħala li:

- huma impenjati fi jew li jipprovdu appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tas-Somalja, inklużi atti li jheddu l-Ftehim ta' Djibouti tat-18 ta' Awwissu 2008 jew il-proċess politiku, jew jheddu t-TFIs jew l-AMISOM bil-forza;
- aġixxew bi ksur tal-embargo fuq l-armi u miżuri relatati kif imsemmijin fl-Artikolu 1;
- jostakolaw il-kunsinna ta' assistenza umanitarja lis-Somalja, jew l-aċċess għal, jew id-distribuzzjoni ta', assistenza umanitarja fis-Somalja.

Il-persuni u l-entitajiet rilevanti huma elenkati fl-Anness.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jimpedixxu l-forniment dirett u indirett, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u ta' tagħmir militari u l-forniment dirett jew indirett ta' assistenza teknika jew taħriġ, assistenza finanzjarja jew assistenza oħra inkluż investiment, servizzi ta' intermed-jazzjoni jew servizzi finanzjarji oħra, relatati ma' attivitajiet militari jew mal-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment, il-manifattura, il-manutenzjoni jew l-użu ta' armi u ta' tagħmir militari, lil persuni jew entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 2.

Artikolu 4

1. F'konformità mal-awtoritajiet nazzjonali u konformement mal-leġiżlazzjoni tagħhom u b'mod konsistenti mal-liġi internazzjonali, l-Istati Membri għandhom jispjazzjonaw il-merkanzija kollha lejn u mis-Somalja fit-territorju tagħhom, inkluż fl-ajruporti u fil-portijiet tagħhom, jekk għandhom informazzjoni li tipprovdi bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li l-merkanzija tinkludi oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom hija pprojbita skont l-Artikolu 3.

2. L-inġenji tal-ajru u l-bastimenti li jittrasportaw merkanzija lejn u mis-Somalja għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali ta' qabel il-wasla jew it-tluq tal-merkanzija kollha li tiddaħħal fi Stat Membru jew toħroġ minnu.

3. L-Istati Membri għandhom, kif jindunaw, jikkonfiskaw u jiddisponu minn oġġetti (jew billi jeqirduhom jew billi jagħmluhom inoperabbli) li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom hija pprojbita skont l-Artikolu 3.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimpedixxu d-dħul fit-territorji tagħhom jew it-tranżitu minnhom lil persuni msemmijin fl-Artikolu 2.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jobbliga lil Stat Membru li jirrifjuta liċ-ċittadini tiegħu stess id-dħul fit-territorju tiegħu.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fejn il-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

(a) jiddetermina fuq il-bażi ta' każ b'każ li tali dħul jew tranżitu huwa ġustifikat għal raġunijiet ta' hteġa umanitarja, inkluż l-obbligu reliġjuż,

(b) jiddetermina fuq il-bażi ta' każ b'każ li eżenzjoni tista' twassal sabiex jitkomplew l-oġġettivi ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali fis-Somalja u l-istabbiltà fir-reġjun.

4. F'każijiet fejn, skont il-paragrafu 3, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu jew it-transitu minnu, ta' persuni indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-iskop li għalih tkun ingħatat u għall-persuni kkonċernati minnha.

Artikolu 6

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li huma l-proprietà jew huma kkontrollati direttament jew indirettament mill-persuni jew mill-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 2 jew li huma fil-pussess ta' entitajiet li huma l-proprietà ta' jew kkontrollati direttament jew indirettament minnhom jew minn kwalunkwe persuna jew entità li qiegħda taġixxi fisimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, kif indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, għandhom jiġu ffriżati. Il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati huma identifikati fl-Anness.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom isiru disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju tal-persuni jew l-entitajiet imsemmijin fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu eżenzjonijiet mill-miżuri msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 fir-rigward ta' fondi u riżorsi ekonomiċi li huma:

(a) meħtieġa għal spejjeż bażiċi, inklużi ħlasijiet għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, poloz tal-assigurazzjoni, u l-ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsubin esklussivament għall-ħlas ta' drittijiet professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż li huma kollegati mal-forniment ta' servizzi legali;

(c) maħsubin esklussivament għall-ħlas ta' onorarji jew kontijiet għal servizz, skont il-liġi nazzjonali, għal servizzi ta' rutina fiż-żamma jew il-manteniment ta' fondi ffriżati u riżorsi ekonomiċi;

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u b'approvazzjoni minnu;

(e) is-suġġett ta' sentenza jew garanzija ġuridika, amministrattiva jew arbitrali, li ftali każ il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jistgħu jintużaw biex jissodisfaw dik il-garanzija jew sentenza sakemm il-garanzija jew is-sentenza kienet iskritta qabel ma l-Kumitat tas-Sanzjonijiet indika lill-persuna jew l-entità kkonċernata, u mhijiex għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmijin fl-Artikolu 2, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

4. L-eżenzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 3(a), (b) u (c) jistgħu jsiru wara notifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet mill-Istat Membru kkonċernat tal-intenzjoni tiegħu li jawtorizza, fejn adatt, aċċess għal tali fondi, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi, u fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet fi żmien tlett ijiem ta' ħidma minn tali notifika.

5. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

(a) interessi jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlasijiet dovuti skont kuntratti, ftehim jew obbligi li ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri restrittivi,

sakemm kull tali mgħax, qligħ ieħor u ħlasijiet jibqgħu jkunu soġġetti għall-paragrafu 1.

6. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għat-tagħmil disponibbli ta' fondi, assi finanzjarji oħrajn jew riżorsi ekonomiċi meħtieġa biex tkun żgurata l-kunsinna fil-ħin ta' assistenza umanitarja meħtieġa urġentement fis-Somalja, min-NU, l-aġenziji jew il-programmi speċjalizzati tagħha, l-organizzazzjonijiet umanitarji bi status ta' osservaturi mal-Assemblea Ġenerali tan-NU li jipprovdu assistenza umanitarja, jew l-imsieħba implimentattivi tagħhom.

Artikolu 7

Il-Kunsill għandu jistabbilixxi il-lista li tinsab fl-Anness u jemen-daha skont id-determinazzjonijiet magħmula jew mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

Artikolu 8

1. Fejn il-Kunsill tas-Sigurtà jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jelenkaw persuna jew entità u jkunu provdew dikjarazzjoni tar-raġunijiet għall-ħatra, il-Kunsill għandu jinkludi dik il-persuna, entità jew korp fl-Anness. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet lill-persuna jew entità kkonċernata, jew b'mod dirett, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, li jipprovdi lil tali persuna jew entità opportunità li jippreżenta osservazzjonijiet.

2. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew entità kkonċernata skont il-każ.

Artikolu 9

L-Anness għandu jinkludi, fejn disponibbli, informazzjoni pprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet li hija meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-persuni jew l-entitajiet ikkonċernati. Fir-rigward tal-persuni, tali informazzjoni tista' tinkludi ismijiet inkluż laqmijiet, data u post tat-twelid, ċittadinanza, in-numru tal-passaport u tal-karta tal-identità, sess, indirizz, jekk magħruf, u funzjoni jew professjoni. Fir-rigward tal-entitajiet, tali informazzjoni tista' tinkludi ismijiet, post u data tar-reġistrazzjoni, numru tar-reġistrazzjoni u post

tan-negozju. L-Anness għandu jinkludi wkoll id-data tal-ħatra mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

Artikolu 10

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta, emendata jew revokata kif adatt, f'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà.

Artikolu 11

Il-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK hija b'dan irrevokata.

Artikolu 12

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Lussemburgu, is-26 ta' April 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

ANNEX

LISTA TAL-PERSUNI U L-ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2

I. Persuni

1. Yasin Ali Baynah (magħruf ukoll bħala a) Ali, Yasin Baynah, b) Ali, Yassin Mohamed, c) Baynah, Yasin, d) Baynah, Yassin, e) Baynax, Yasiin Cali, f) Beenah, Yasin, g) Beenah, Yassin, h) Beenax, Yasin, i) Beenax, Yassin, j) Benah, Yasin, k) Benah, Yassin, l) Benax, Yassin, m) Beynah, Yasin, n) Binah, Yassin, o) Cali, Yasiin Baynax) Data tat-twelid: madwar l-1966. Nazzjonalità: Somalja. Nazzjonalità alternattiva: Żvezja. Fejn jinsab: Rinkeby, Stokkolma, Żvezja; Mogadixu, Somalja.
2. Hassan Dahir Aweys (magħruf ukoll bħala a) Ali, Sheikh Hassan Dahir Aweys, b) Awes, Hassan Dahir, c) Awes, Shaykh Hassan Dahir, d) Aweyes, Hassen Dahir, e) Aweys, Ahmed Dahir, f) Aweys, Sheikh, g) Aweys, Sheikh Hassan Dahir, h) Dahir, Aweys Hassan, i) Ibrahim, Mohammed Hassan, j) OALS, Hassan Tahir, k) Uways, Hassan Tahir, l) "Hassan, Sheikh") Data tat-twelid: 1935. Ċittadinanza: Somalja. Nazzjonalità: Somalja. Fejn jinsab: Somalja; Eritrea.
3. Hassan Abdullah Hersi Al-Turki (magħruf ukoll bħala a) Al-Turki, Hassan, b) Turki, Hassan, c) Turki, Hassan Abdillahi Hersi, d) Turki, Sheikh Hassan, e) Xirsi, Xasan Cabdilaahi, f) Xirsi, Xasan Cabdulle) Data tat-twelid: madwar l-1944. Post tat-twelid: Reġjun Ogaden, Etjopja. Nazzjonalità: Somalja. Fejn jinsab: Somalja.
4. Ahmed Abdi aw-Mohamed (magħruf ukoll bħala a) Abu Zubeyr, Muktar Abdirahman, b) Abuzubair, Muktar Abdulrahim, c) Aw Mohammed, Ahmed Abdi, d) Aw-Mohamud, Ahmed Abdi, e) "Godane", f) "Godani", g) "Mukhtar, Shaykh", h) "Zubeyr, Abu") Data tat-twelid: 10 ta' Lulju 1977. Post tat-twelid: Hargeysa, Somalja. Nazzjonalità: Somalja.
5. Fuad Mohamed Khalaf (magħruf ukoll bħala a) Fuad Mohamed Khalif, b) Fuad Mohamed Qalaf, c) Fuad Mohammed Kalaf, d) Fuad Mohamed Kalaf, e) Fuad Mohammed Khalif, f) Fuad Khalaf, g) Fuad Shongale, h) Fuad Shongole, i) Fuad Shangole, j) Fuad Songale, k) Fouad Shongale, l) Fuad Muhammad Khalaf Shongole) Nazzjonalità: Somalja. Fejn jinsab: Mogadixu, Somalja. Lokalità alternattiva: Somalja.
6. Bashir Mohamed Mahamoud (magħruf ukoll bħala a) Bashir Mohamed Mahmoud, b) Bashir Mahmud Mohammed, c) Bashir Mohamed Mohamud, d) Bashir Mohamed Mohamoud, e) Bashir Yare, f) Bashir Qorgab, g) Gure Gap, h) "Abu Muscab", i) "Qorgab") Data tat-twelid: madwar 1979-1982. Data tat-twelid alternattiva: 1982. Nazzjonalità: Somalja. Fejn jinsab: Mogadixu, Somalja.
7. Mohamed Sa'id (magħruf ukoll bħala a) "Atom", b) Mohamed Sa'id Atom, c) Mohamed Siad Atom) Data tat-twelid: madwar l-1966. Post tat-twelid: Galgala, Somalja. Fejn jinsab: Galgala, Somalja. Lokalità alternattiva: Badhan, Somalja.
8. Fares Mohammed Mana'a (magħruf ukoll bħala: a) Faris Mana'a, b) Fares Mohammed Mana'a) Data tat-twelid: 8 ta' Frar 1965. Post tat-twelid: Sadah, Jemen. Nru tal-Passaport: 00514146; post tal-ħruġ: Sanaa, Jemen. Nru tal-Karta tal-Identità: 1417576; post tal-ħruġ: Al-Amana, Jemen; data tal-ħruġ: 7 ta' Jannar 1996.

II. Entitajiet

AL-SHABAAB (maghrufa wkoll bhala a) Al-Shabab, b) Shabaab, c) The Youth, d) Mujahidin Al-Shabaab Movement, e) Mujahideen Youth Movement, f) Mujahidin Youth Movement, g) MYM, h) Harakat Shabab Al-Mujahidin, i) Hizbul Shabaab, j) Hisb'ul Shabaab, k) Al-Shabaab Al-Islamiya, l) Youth Wing, m) Al-Shabaab Al-Islaam, n) Al-Shabaab Al-Jihaad, o) The Unity Of Islamic Youth, p) Harakat Al-Shabaab Al-Mujaahidiin, q) Harakatul Shabaab Al Mujaahidiin, r) Mujaahidiin Youth Movement) Tinsab: Somalja.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/232/PESK

tas-26 ta' April 2010

li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' April 2006, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2006/318/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Burma/il-Mjanmar ⁽¹⁾. Dawk il-miżuri ssostitwew il-miżuri preċedenti, li l-ewwel fosthom kienu adottati fl-1996 fil-Pożizzjoni Komuni 96/635/PESK ⁽²⁾.
- (2) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/351/PESK ⁽³⁾, adottata fis-27 ta' April 2009, estendiet il-Pożizzjoni Komuni 2006/318/PESK sat-30 ta' April 2010.
- (3) Minħabba s-sitwazzjoni f'Burma/il-Mjanmar, partikolarment in-nuqqas ta' titjib fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-assenza ta' progress sostantiv lejn proċess ta' demokratizzazzjoni inklużiv, minkejja l-promulgazzjoni ta' liġi elettorali ġdida u t-tħabbir mill-Gvern ta' Burma/il-Mjanmar ta' elezzjonijiet bis-sehem ta' diversi partiti li ser isiru fl-2010, il-miżuri restrittivi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2006/318/PESK għandhom ikunu estiżi għal perijodu ieħor ta' 12-il xahar.
- (4) Il-listi tal-persuni u l-intrapriżi soġġetti għall-miżuri restrittivi għandhom ikunu emendati sabiex jieħdu kont tal-bidliet fil-Gvern, il-forzi tas-sigurtà, il-Kunsill Statali għal Paċi u l-Iżvilupp u l-amministrazzjoni f'Burma/il-Mjanmar, kif ukoll fis-sitwazzjonijiet personali tal-individwi kkonċernati, u sabiex jaġġornaw il-lista ta' intrapriżi li jappartjenu lil jew li huma kontrollati mir-reġim f'Burma/il-Mjanmar jew minn persuni assoċjati mar-reġim.
- (5) Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għandhom jiġu pprojbiti l-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir u partijiet ta' rikambju para-militari għal dawk imsemmija hawn qabel, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, lil Burma/il-Mjanmar miċ-ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew li jużaw il-bastimenti jew l-inġenji tal-ajru irreġistrati bil-bandiera tagħhom, sew jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom u sew jekk le.

2. Għandu jiġi pprojbit:

⁽¹⁾ ĠU L 116, 29.4.2006, p. 77.

⁽²⁾ ĠU L 287, 8.11.1996, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 108, 29.4.2009, p. 54.

- (a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħra relatati ma' attivitajiet militari u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' armi u ta' materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari, u partijiet ta' rikambju għal dawn imsemmija hawn qabel, kif ukoll għal tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, direttament jew indirettament fuq kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu f'Burma/il-Mjanmar;
- (b) il-forniment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' attivitajiet militari, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' armi u materjal relatat, kif ukoll ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, jew għall-forniment ta' assistenza teknika, senserija u servizzi oħra relatati direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi, jew għall-użu f'Burma/il-Mjanmar;
- (c) il-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, l'attivitajiet li l-oġettiv jew l-effett tagħhom ikun li jiġu evitati l-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) jew (b).

Artikolu 2

1. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal:

- (a) il-bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' tagħmir militari li ma jikkawgħunax il-mewt, jew ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv, jew għal programmi tan-NU u tal-UE għall-bini ta' istituzzjonijiet, jew ta' materjal maħsub għal operazzjonijiet tal-UE u n-NU għall-maniġġjar ta' kriżijiet;
- (b) il-bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' tagħmir għat-tneħħija ta' mini u materjal għall-użu f'operazzjonijiet tat-tneħħija ta' mini;
- (c) il-forniment ta' finanzjament u assistenza finanzjarja relatata ma' tali tagħmir jew ma' tali programmi u operazzjonijiet;
- (d) il-forniment ta' assistenza teknika konnessa ma' tali tagħmir, jew ma' tali programmi u operazzjonijiet,

bil-kondizzjoni li tali esportazzjonijiet ikunu ġew approvati minn qabel mill-awtorità kompetenti rilevanti.

2. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket rinfurzati u elmi militari, esportati temporanjament lejn Burma/il-Mjanmar mill-persunal tan-NU, persunal tal-UE jew l-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-medja u l-ħaddiema umanitarji u dawk għall-iżvilupp u persunal assoċjat għall-użu personali tagħhom biss.

Artikolu 3

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir u teknoloġija rilevanti destinati għal intrapriżi f'Burma/il-Mjanmar li huma impenjati fl-industriji li ġejjin, minn ċittadini tal-Istati Membri, jew mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri għandhom ikunu pprojbiti sew jekk joriġinaw kif fit-territorji tagħhom u sew jekk le:

- (a) qtugħ ta' siġar u proċessar ta' injam;
- (b) it-thaffir għad-deheb, il-landa, il-hadid, ir-ram, it-tungstenu, il-fidda, il-faham, iċ-ċomb, il-manganiż, in-nikil u ż-żingu;
- (c) it-tħaffir u l-ipproċessar ta' ġebel prezzjuż u semi-prezzjuż, inklużi d-djamanti, ir-rubini, iż-żaffiri, il-ġada u l-iżmeraldi.

2. Għandu jkun ipprojbit li:

- (a) tkun ipprovduta assistenza teknika jew taħriġ relatat ma' tagħmir u teknoloġija rilevanti destinati għal intrapriżi f'Burma/il-Mjanmar li huma impenjati fl-industriji msemmija fil-paragrafu 1;
- (b) jkunu pprovduti finanzjament jew assistenza finanzjarja għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' tagħmir u teknoloġija rilevanti destinati għall-intrapriżi f'Burma/il-Mjanmar elenkati fl-Anness I, li huma impenjati fl-industriji msemmija fil-paragrafu 1, jew għall-forniment ta' assistenza teknika jew taħriġ relatati.

Artikolu 4

Ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport tal-prodotti li ġejjin minn Burma/il-Mjanmar lejn l-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti:

- (a) zkuk tondi, injam u prodotti tal-injam;
- (b) deheb, landa, ħadid, ram, tungstenu, fidda, faħam, ċomb, manganiż, nikil u żingu;
- (c) ħaġar prezzjuż u semi-prezzjuż, inklużi d-djamanti, ir-rubini, iż-żaffiri, il-ġada u l-iżmeraldi.

Artikolu 5

Dan li ġej għandu jiġi pprojbit:

- (a) l-għoti ta' kwalunkwe self jew kreditu finanzjarju lill-intrapriżi f'Burma/il-Mjanmar, kif elenkati fl-Anness I, li huma impenjati fl-industriji msemmijin fl-Artikolu 3(1);
- (b) l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni f'intrapriżi f'Burma/il-Mjanmar, kif elenkati fl-Anness I, li huma impenjati fl-industriji msemmijin fl-Artikolu 3(1), inkluż l-akkwist totali ta' tali intrapriżi u l-akkwist ta' ishma u titoli ta' natura parteċipattiva;
- (c) il-ħolqien ta' kwalunkwe negozju bi sħab mal-intrapriżi f'Burma/il-Mjanmar, kif elenkati fl-Anness I, li huma impenjati fl-industriji msemmijin fl-Artikolu 3(1) u ma' kwalunkwe sussidjarja jew affiljati taħt il-kontroll tagħhom.

Artikolu 6

1. Il-projbizzjoni fl-Artikoli 3(1) u 4 għandha tkun mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti relatati mal-oġġetti li kienu qegħdin jiġu ttrasportati qabel id-19 ta' Novembru 2007.

2. Il-projbizzjonijiet fl-Artikoli 3 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti konklużi qabel id-19 ta' Novembru 2007 u relatati ma' investimenti magħmulin f'Burma/il-Mjanmar qabel l-istess data minn intrapriżi stabbiliti fl-Istati Membri.

3. Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 5(a) u (b) rispettivament:

- (i) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti jew ftehim konklużi qabel id-data li fiha l-intrapriża konċernata ddaħħlet fl-elenku, kif indikat fl-Anness I;
- (ii) m'għandhomx jimpedixxu l-estensjoni ta' parteċipazzjoni fl-intrapriżi elenkati fl-Anness I, jekk tali estensjoni tkun prevista taħt ftehim konkluż mal-intrapriża konċernata qabel id-data li fiha ddaħħlet fl-elenkuta kif indikat fl-Anness I.

Artikolu 7

Il-parteeipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, l-attivitàjiet li l-għan jew l-effett tagħhom huwa li direttament jew indirettament, jevitaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3, 4 u 5 għandha tkun ipprojbita.

Artikolu 8

L-għajnuna mhux umanitarja jew il-programmi ta' żvilupp għandhom jiġu sospiżi. Għandhom isiru eċċezzjonijiet għal proġetti u programmi li jappoġġaw:

- (a) id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-governanza tajba, il-prevenzjoni ta' konflitt u l-bini tal-kapaċità tas-soċjetà ċivili;
- (b) is-saħħa u l-edukazzjoni, l-ittaffar tal-faqar u b'mod partikolari l-forniment tal-ħtiġijiet bażiċi u l-għajxien għall-popollazzjonijiet l-aktar foqra u l-aktar vulnerabbli;
- (c) il-ħarsien tal-ambjent, u b'mod partikolari, programmi li jindirizzaw il-problema tal-qtugħ eċċessiv u non-sostenibbli ta' siġar li jirriżulta f'deforestazzjoni.

Il-proġetti u l-programmi għandhom jiġu implimentati permezz ta' aġenziji tan-NU, organizzazzjonijiet non-governattivi, u permezz ta' kooperazzjoni deċentralizzata mal-amministrazzjonijiet ċivili lokali. F'dan il-kuntest, l-Unjoni Ewropea ser tkompli tinvolvi ruħha mal-gvern ta' Burma/il-Mjanmar dwar ir-responsabbiltà tiegħu li jagħmel sforzi akbar sabiex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tan-NU.

Il-proġetti u l-programmi għandhom, safejn hu possibbli, ikunu definiti, immonitorjati, operati u evalwati f'konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili u mal-gruppi demokratiċi kollha, inkluża l-Lega Nazzjonali għad-Demokrazija.

Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, ta':

- (a) membri għolja tal-Kunsill tal-Istat għall-Paċi u l-Iżvilupp (SPDC), l-awtoritajiet Burmiżi fis-settur tat-turiżmu, membri għolja tal-militar, il-Gvern jew il-forzi tas-sigurtà li jfasslu, jimplimentaw jew jibbenefikaw minn linji ta' politika li jimpedixxu t-transizzjoni ta' Burma/il-Mjanmar lejn id-demokrazzija, u l-membri tal-familji tagħhom, li huma l-persuni fiżiċi elenkati fl-Anness II;
- (b) membri għolja li qed iservu fil-militar Burmiż u membri tal-familji tagħhom, li huma l-persuni fiżiċi elenkati fl-Anness II.

2. Il-paragrafu 1 mhux ser jobbliga lil Stat Membru jirrifjuta liċ-ċittadini tiegħu stess milli jidħlu fit-territorju tiegħu.

3. Il-Paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut b'obbligu tal-liġi internazzjonali, jiġifieri:

- (a) bħala pajjiż ospitanti ta' organizzazzjoni interogovernattiva internazzjonali;
- (b) bħala pajjiż ospitanti ta' konferenza internazzjonali imsejja min-Nazzjonijiet Uniti jew taħt l-awspiċji tagħha;
- (c) taħt xi ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet, jew
- (d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt tal-Lateran) konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu jitqies bħala li japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru huwa l-pajjiż ospitanti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jkun debitament informat fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti fil-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun iġġustifikat minħabba hteġġa umanitarja urġenti, jew minħabba l-attenzenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi mill-Unjoni Ewropea, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Prezidenza attwali tal-OSKE, fejn jitmexxa djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazzija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt f'Burma/il-Mjanmar.

7. L-Istati Membri li jixtiequ jagħtu eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandhom jinnotifikaw lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni tiġi kkunsidrata bħala mogħtija dment li wieħed jew aktar mill-Membri tal-Kunsill ma jressaqx oġġezzjoni bil-miktub fi żmien jumejn ta' xogħol minn meta jirċievi n-notifika tal-eżenzjoni proposta. Fil-każ li wieħed jew aktar mill-Membri tal-Kunsill iressaq oġġezzjoni, il-Kunsill, waqt li jaġixxi

b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

8. F'każijiet fejn skont il-paragrafi 3, 4, 6 u 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu jew il-passaġġ minnu, ta' persuni elenkati fl-Anness II, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-iskop li għalih hi tkun għet mogħtija u għall-persuni kkonċernati minnha.

Artikolu 10

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, huma proprjetà ta', miżmuma minn jew ikkontrollati mill-membri individwali tal-Gvern ta' Burma/il-Mjanmar u li jappartjenu lil, huma proprjetà ta', miżmuma minn jew ikkontrollati mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom elenkati fl-Anness II, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi m'għandhom isiru disponibbli direttament jew indirettament lil jew għall-benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness II.

3. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew li jsiru disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt tali kondizzjonijiet li tikkunsidra adegwati, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

- (a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness II u l-membri dipendenti tal-familji tagħhom, inklużi ħlasijiet għal ikel, kera jew garanziji ipotekarji, mediċini u trattament mediku, taxxi, ħlas ta' assigurazzjoni, u ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;
- (b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż imġarrba relatati mal-għoti ta' servizzi legali;
- (c) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' onorarji jew ħlasijiet ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni ta' rutina ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;
- (d) meħtieġa għal spejjeż straordinari, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat ir-raġunijiet li għalihom hi kkunsidrat li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn u lill-Kummissjoni mill-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni.

4. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

- (a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew
- (b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu ġew konklużi jew li saru qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għal miżuri restrittivi,

dment li tali imgħax, dħul u pagamenti oħrajn jibqgħu soġġetti għall-paragrafu 1.

5. Dan li ġej għandu jiġi pprojbit:

- (a) l-għoti ta' kwalunkwe self jew kreditu finanzjarju lil intrapriżi li jkunu proprjetà ta' jew li huma kkontrollati mir-reġim jew minn persuni jew entitajiet assoċjati mar-reġim, kif elenkati fl-Anness III, jew l-akkwist ta' bonds, ċertifikati ta' depożitu, garanziji jew obbligazzjonijiet, maħruġa minn dawn l-intrapriżi;
- (b) l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni fintrapriżi li huma ta' jew huma kkontrollati mir-reġim jew minn persuni jew entitajiet assoċjati mar-reġim, kif elenkati fl-Anness III, inkluż l-akkwist totali ta' tali intrapriżi u l-akkwist ta' ishma u ta' titoli ta' natura parteċipattiva;
- (c) il-ħolqien ta' kwalunkwe negozju bi sħab mal-intrapriżi kif elenkati fl-Anness III, u ma' kwalunkwe sussidjarja jew affiljat taħt il-kontroll tagħhom.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5(a) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għat-tweqqif ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti jew ftehimiet konklużi mal-intrapriża konċernata qabel id-data li fiha ddaħħlet fl-elenku, kif indikat fl-Anness III.

7. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 5(b) m'għandhiex timpedixxi l-estensjoni ta' parteċipazzjoni fl-intrapriżi kif elenkati fl-Anness III, jekk tali estensjoni tkun prevista taħt ftehim konkluż qabel id-data li fiha l-intrapriża kkonċernata ddaħħlet fl-elenku, kif indikat fl-Anness III.

Artikolu 11

Żjarat governattivi bilaterali ta' livell għoli (Ministri u Uffiċjali fil-livell ta' Direttur Politiku u ogħla) f'Burma/il-Mjanmar għandhom jibqgħu sospiżi. Il-Kunsill jista', f'każijiet eċċezzjonali, jiddeċiedi li jagħmel eċċezzjonijiet għal din ir-regola.

Artikolu 12

L-Istati Membri m'għandhomx jippermettu l-assenjament ta' persunal militari mar-rappreżentazzjonijiet diplomatiċi tal-Burma/il-Mjanmar fl-Istati Membri. Il-persunal militari kollu assenjat mar-rappreżentazzjonijiet diplomatiċi ta' l-Istati Membri fil-Burma/il-Mjanmar għandu jibqa' rtirat.

Artikolu 13

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jew Stat Membru, għandu jadotta modifiki għal-lista li tinsab fl-Anness II, kif meħtieġ.

Artikolu 14

Din id-Deċiżjoni għandha tibqa' taħt eżami kostanti. Hija għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, partikolarment fir-rigward tal-intrapriżi elenkati fl-Annessi I u III, jekk il-Kunsill iqis li l-oġettivi tagħha ma ntlaħqux.

Artikolu 15

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sat-30 ta' April 2011.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' April 2010

Għall-Kunsill
Il-President
C. ASHTON

ANNEX I

Lista ta' intrapriżi msemmija fl-Artikoli 3(2)(b), 5 u 14

INJAM U LUMBER		
	Isem	Data ta' elenkar 19.11.2007
1.	Alkema Representative Office, 142 A Dharmazedi Rd, Bahan, Yangon	
2.	Asia Wood Co Ltd 24 Myawaddy Min Gyi St, Industrial Zone (4) Hlaing Tha Yar, Yangon	
3.	Aung Chanthar 1018 Myittar St, Ward 9, SOKAA, Yangon	
4.	Aung Gonyi 9B Ngwe Kyar Yan Yeithka, SOKAA, Yangon	
5.	Aung Khant Phyoo Coop Ltd 144A Kyaikwine Pagoda Rd, Ward 3, MYGNN, Yangon	
6.	Aung Khin & Sons 1-3, Thikhwa Pan St, Cor of Zaygyi St, KMDGG, Yangon	
7.	Aung Kyin 11 Mani MaybKhalar St, KMDGG, Yangon	
8.	Aung Thein Bo Manufacturing Co Ltd 30 Salin St, Kyeemyindaing Yangon	
9.	Aung Zeya 33 Seikkan Industrial Zone, HLTAA, Yangon	
10.	Aye Myittar 67 Theingyi St, KMDGG, Yangon	
11.	Aye Myittar 1820/21-22 P. Moe Nin St, HLTAA, Yangon	
12.	Beautiful Wood Industry Co Ltd 251, Room 5, Maha Bandoola St, Cor of 46th St, BTHHGG, Yangon	
13.	C.D. Industries & Construction Co Ltd 105(b) Parami Road, Mayangon, Yangon	
14.	Century Dragon Co Ltd 3-5 Min Gyi Maha Min Gaung St, Industrial Zone (2), Hlaing Tha Yar, Yangon	
15.	Chantha Rm 3, Cor of Waizayandar Rd & Thitsar Rd, SOKAA, Yangon	
16.	Coffer Manufacturing Co Ltd Rm (803), 8th floor, Myaing Hay Wun Condo, Kyaik Wine Pagoda Road, Mayangon, Yangon	
17.	Dagon Timber Ltd, 262-264, Rm A03-01, Dagon Centre, Pyay RD, Myayangone, Sanchaung, Yangon	
18.	Diamond Mercury Co Ltd Bldg 2, Rm 21/22, Pyay Rd, 8th mile junction, Mayangon, Yangon	
19.	Diamond Mercury Wood Products Ltd Plot 42-98, Sethmu 6th St, Industrial Zone, (1), SPTAA, Yangon	
20.	Family 798, 10th St, Myothit Ward (B), Insein, Yangon	
21.	Flying Tiger Wood Industry Ltd, 171-173, 51st St, Pazundaung, Yangon	
22.	Forest Products Joint Venture Corporation Ltd 422-426 Strand Rd, FJV Commercial Centre, Botahtaung, Yangon	
23.	Friend 300 A-B, Yarzardirit St, Ward 72, SDGNN, Yangon	
24.	Fudak Enterprise Co Ltd 120 De Pae Yin Wun Htauk U Mye St, Industrial Zone 2, Hlaing Tha Yar, Yangon	

	INJAM U LUMBER	
	Isem	Data ta' elenkar 19.11.2007
25.	Good Myanmar Trading Co Ltd 60-B Aung Myay Thasi Ave, Kamayut, Yangon	
26.	Green Gold Industrial Co Ltd 209 Than Thu Mar Rd, 23 Ward, Thingankyunm, Yangon	
27.	Hi-Tech Forest Industries Co Ltd 216/222 Rm 7B, Maha Bandoola St, Bo Myet Hu Housing, Pazundaung, Yangon	
28.	Hla Shwe, U & Family 18/19 64 Ward, Industrial Zone 2, South Dagon, Yangon	
29.	Hong Kong Nu San International Co Ltd 120 (twin-B), Waizayanda Housing Complex, Waizayanda Rd, TGKNN, Yangon	
30.	Htay 145 Kanaung Lane (7) NOKAA, Yangon	
31.	Htoo Furniture, magħrufa wkoll bħala Htoo Wood Products, magħrufa wkoll bħala Htoo Wood based Industry, magħrufa wkoll bħala Htoo Wood 21 Thukha Waddy Rd, Yankin Township, Yangon	
32.	Htoo Trading Co Ltd 5 Pyay Rd, Hlaing, Yangon	
33.	Khaing Su Thu Trading and Industrial Co Ltd 205 Myin Wun U Aung Thu St, Industrial Zone 2, Hlaing Tha Yar, Yangon	
34.	Khine Industries 42 Ba Maw Ah in Wun St, Industrial Zone 3, Hlaing Tha Yar, Yangon	
35.	Khine International Co Ltd 116/8 15th St, LMDWW, Yangon	
36.	Kyi Kyi Saw Mill & Wood Trading 55 Thameinbayan RD, Tamwe, Yangon	
37.	Lay Pyay Hnyin Manufacturing co Ltd 168 Set Hmu 1st Street, Industrial Zone 1 Shwe Pyi Tha, Yangon	
38.	Lin Shing Co Ltd (Myanmar) 42-93 Khayay St, Cor of Sethmu 6th St, Ind Zone (1), SPTAA, Yangon	
39.	Lin Win Co Ltd 89 Hnin Si Kone Rd, Ahlone, Yangon	
40.	Maha Nandar Co Ltd 90 Thudhamar St, NOKAA, Yangon	
41.	Master Timber Excel Ltd 146a pyay Rd, 9th mile, Mayangon, Yangon	
42.	Master Timber Exel Ltd (KLN Group) 282, Room 8, 1st floor, Seikkantha St, KTDAA, Yangon	
43.	Miba Gon Shein 709, Cor of Hlawga St, Ward 21 SDGNN, Yangon	
44.	Mingala Family 107 Thumana St, South Ward 2, TKAA, Yangon	
45.	Myanmar Channel Quest International Co Ltd 42-242 Kanaung Myintha Gyi 4th St, Ind Zone (1), SPTAA, Yangon	
46.	Myanmar Forest Timber Association 504-506, Merchant St., Kyauktada Tsp, Yangon	
47.	Myanmar May Kaung Wood Based Industry Co Ltd 288-290, 0905 MWEA Tower, Shwedagon Pagoda Rd, Dagon, Yangon	
48.	Myanmar Shwe Hintha International Co Ltd 226, Blk 18, Bo Tayza St, shwe Paukkan Ind Zone, NOKAA, Yangon	
49.	Myanmar Singh Ltd 18-20 Botahtaung Lane (4), Botahtaung, Yangon	
50.	Myanmar Touchwood Ltd 805, 37 La Pyat Wun Plaza, Alan Pya Pagoda Rd, Dagon, Yangon	

	INJAM U LUMBER	
	Isem	Data ta' elenkar 19.11.2007
51.	Myanmar WoodMart Co Ltd Room 504, Bldg 29, Shine Tower II, Gyo Phyu St, MTNTT, Yangon	
52.	Myitmakha International Trading Ltd 19-20 Bahosi Complex, Bogyoke Aung San Rd, LMDWW, Yangon	
53.	Myo Nwe Tħit Trading Co Ltd 147 (G/F), 47th St, Botahtaung, Yangon	
54.	Myotaw 492-493 Sethmu Zone Patt St, Ind Zone 2, Ward 64, SDGNN, Yangon	
55.	Nay Chi Tun Family 4 Thumngalar RD, TGKNN, Yangon	
56.	Nay Chi Tun Family, 729 Laydauntkan St, TGKNN, Yangon	
57.	New Brothers Co Ltd 302a Set Hmu 1st Street, Industrial Zone 1, Shwe Pyi Tha Yangon	
58.	New Telesonic Co Ltd 94 Than Chat Wun U Nyunt St, Dagon Port Ind City, Zone 1, SPTAA, Yangon	
59.	New Telesonic Wood & General Trading 218 (B) 36th St, KTDA, Yangon	
60.	Ngwe Zaw, 728 Ayarwaddy St, Ind Zone 2, SDGNN, Yangon	
61.	Nightingale Co Ltd 221 Botahtung Pagoda Rd, Pazundaung, Yangon	
62.	Nilar 118 Waizayadanar Rd, Ward 8, SOKAA, Yangon	
63.	Phan Nay Wun Co Ltd 47, Room 8-8 Sawbwagyigon, Insein, Yangon	
64.	Premio Int'l Co Ltd 60/75 Corner of Inwa Street & Bo Tay Za St, Shwe Pauk Kan Industrial Zone, North Okkalapa, Yangon	
65.	RCC Co Ltd 65 Upper Pazundaing RD, Pazundaing, Yangon	
66.	San Family 1349-1351 Ind Zone 2nd St, SDGNN, Yangon	
67.	San Family 790 Pyinma Myaing Rd, Ward A, TGKNN, Yangon	
68.	Scantrade Co Ltd 422-426 4th floor, Strand Rd, FJV Commercial Centre, Botahtaung, Yangon	
69.	Sein Mandaing 1155-1156 Thudhamar St, Ward 2 NOKAA, Yangon	
70.	Shwe Chain Trading co Ltd Rm 619 6th floor, Nyaung Pin Lay Zay Plaza, Lanmadaw, Yangon	
71.	Shwe Hlaing Bwar 462-463 Yaw A Twinn Wun U Pho HlaingSt, HLTA, Yangon	
72.	Shwe Wel Htay 6 Thmar Deikdi St, Kyauk Myaung, Tamwe, Yangon	
73.	Shwe Yi Oo 113C 4th St, Panchansu Ward, SPTAA, Yangon	
74.	Soe Than Brothers Co Ltd 189 b/2 Seikkantha St, Industrial Zone 1, Hlaing Tha Yar, Yangon	
75.	Star Tek Co Ltd (Woodworking Machine) 74, 5th St, LMDWW, Yangon	
76.	Swe Myo 86 Yadanar St, Ward 8, SOKAA, Yangon	

	INJAM U LUMBER	
	Isem	Data ta' elenkar 19.11.2007
77.	Swe Thadar 78 Innwa St, Shwe Pauk Kan Ind Zone, Ward 18, NOKAA, Yangon	
78.	Taw Win Family Co Ltd 355 U Wisara Rd, Sauchaung, Yangon Isem tad-direttur: Ko Ko Htwe	
79.	Teak Farm Co Ltd Bldg 1, Rm 404, Mingalar Sin Min Housing, Strand Road, Ahlone, Yangon	
80.	Teak Farm Industries Co Ltd 122a Da Pae Yin Wun Htauk U Mye St, Industrial Zone 2, Hlaing Tha Yar, Yangon	
81.	Teakteam Ltd 50A Seikkantha Street, Industrial Zone 3, Hlaing Tha Yar, Yangon	
